MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Numru. 1033/2011

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Richard Spiteri, iben Mary Rose Spiteri, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Frar, 1971, Karta ta’ l-Identita numru 118271(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-27 ta’ Ġunju, 2011, kif ukoll fis-7 ta’ Lulju, 2011 għal ħabta tal-10.00 a.m. ġewwa l-bini tal-Qorti, Triq ir-Republika, Valletta b’diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. inġurja jew hedded lill-Maġistrat Dr. Marseann Farrugia waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li għamlet id-dmirijiet tagħha nkella li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha bl-iskop li jtellfilha jew inaqqsilha l-ġieh;

2. fl-istess jiem u ċirkostanzi nġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq iil-Maġistrat Dr. Marseann Farrugia, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li għamlet dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni;
4. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtoria' jew ta' wieħed li nkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehiex jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi maħalliehx jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor għamel skont il-liġi;
6. b'hekk għamel reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, waqt perjodu operattiv ta' 'conditional discharge' għal żmien xahar li ġiet imposta fuqu mill-Maġistrat Dr. Antonio micallef Trigona, b'sentenza tal-21 ta' Ġunju, 2011.
Il-Qorti ġiet mitluba li tqis lil Richard Spiteri bħala reċidiv ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, fejn jipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lill-Maġistrat Dr. Marseann Farrugia, kif ukoll ir-residenza tagħha.
F'każ ta' ħtija, il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-Maġistrat Dr. Marseann Farrugia skont l-artikolu 382A et sequitur tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta kl-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputat ammetta
l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 93(1)(2), 95, 338(bb)(dd)(ee), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------